



Brussell, 17 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

5125/23

ECOFIN 20  
UEM 14  
SOC 8  
EMPL 7  
COMPET 12  
ENV 14  
EDUC 5  
RECH 9  
ENER 10  
JAI 14  
GENDER 4  
ANTIDISCRIM 4  
JEUN 4  
SAN 11

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 5040/1/23 REV 1

---

Suġġett: Stharriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023  
Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Jannar 2023)

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, approvati mill-Kunsill Ekonomiku u Finanzjarju li sar fis-17 ta' Jannar 2023.

## **STHARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR SOSTENIBBLI 2023**

– Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN –

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JIRRIKONOXXI li l-ekonomija tal-UE kompliet bl-irkupru qawwi tagħha wara l-pandemija fl-2022, bis-saħħa tal-azzjoni politika rapida fil-livell nazzjonali u tal-UE, iżda li l-ekonomija tal-UE u s-soċjetà qed jiffaċċjaw diversi sfidi ekonomiċi, soċjali u ġeopolitiċi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. JAGĦRAF li l-prezzijiet tal-enerġija storikament għoljin, ir-rati għoljin ta' inflazzjoni, in-nuqqas ta' provvista, il-livelli oġhla ta' dejn u ż-żieda fil-kostijiet tas-self qed jaffettwaw bil-qawwa ħafna unitajiet domestiċi u kumpaniji tal-UE, u dan jeħtieġ azzjoni politika rapida, mmirata u kkoordinata fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.
2. B'MOD ĠENERALI JAQBEL mal-prijoritajiet ekonomiċi deskritti fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023. JINNOTA li l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva – is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja u l-istabbiltà makroekonomika – għadhom jiggwidaw il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali u tal-impjieg tal-UE. JAGĦRAF il-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà ekonomika, fiskali u finanzjarja u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi. JISĦAQ li l-miżuri ta' politika għandhom jappoġġaw tkabbir ġust, inklużiv, reżiljenti u sostenibbli. Il-miżuri għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija, f'konformità mal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE fuq terminu medju u twil. JAPPELLA għall-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista robusti u sostenibbli biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-UE u tiġi żgurata l-kompetittività globali.

3. JENFASIZZA r-rwol kruċjali tal-koordinazzjoni mill-qrib tar-rispons ta' politika biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u finanzjarju tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. IFAKKAR li l-isforzi kkoordinati tal-UE fl-indirizzar tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 wittew it-triq għal irkupru qawwi fl-2021 u fl-ewwel nofs tal-2022. JAPPELLA għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri sal-2026, kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, li għandhom jiżguraw investiment kontinwu u jappoġġaw riformi importanti fl-Istati Membri. IĦEĠĠEĠ l-użu effiċjenti ta' REPowerEU bħala waħda mill-għodod biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija tal-UE u biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku permezz ta' investiment u riformi, filwaqt li jiġu appoġġati wkoll l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
4. JAQBEL li l-iżgurar tal-istabbiltà makrofinanzjarja u ż-żamma tal-fluss ta' kreditu għall-ekonomija huma kruċjali għar-reżiljenza f'ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli. JILQA' B'SODISFAZZJON l-azzjonijiet politiċi li ttieħdu f'dawn l-aħħar snin li rriżultaw fi tnaqqis fis-self improduttiv u f'banek aktar reżiljenti. Madankollu, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-banek iżommu politiki ta' proviżjonament prudenti u kapital ta' lqugħ konsistenti mar-riskji li qed jevolvu u l-importanza li jkompli jitnaqqas is-self improduttiv ta' legat filwaqt li tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' assi indeboliti ġodda. JAGĦRAF li r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja jistgħu jirriżultaw minn diversi sorsi, inkluż minn kondizzjonijiet finanzjarji aktar stretti, inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira u tnaqqis qawwi fil-prezzijiet tal-assi. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji jħejju għal xenarji ta' riskju ta' titrif u jimmonitorjaw il-vulnerabbiltajiet fis-settur tal-proprjetà immobbli. JIRRIKONOXXI li l-approfondiment tal-unjoni tas-swieq kapitali u l-progress li jsir fuq l-unjoni bankarja jsaħħu l-mezzi ta' finanzjament għall-ekonomija, jippromwovu l-kontribut tas-settur privat għall-ħtiġijiet konsiderevoli ta' investiment u jżidu r-reżiljenza ekonomika u soċjali.

5. JAQBEL li jżomm lura minn stimolu fiskali wiesa' għad-domanda aggregata fl-2023, u b'hekk jiffaċilita wkoll il-kompitu tal-politika monetarja biex titnaqqas l-inflazzjoni u biex l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni jinżammu ankrati sew. JISSOTTOLINJA li l-miżuri fiskali, li jindirizzaw l-impatt ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija, għandhom ikunu temporanji u mmirati aħjar lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli, filwaqt li jkunu fiskalment affordabbli u jipprovdu inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija. JAPPELLA biex ikun hemm approċċ komuni għall-miżuri temporanji u riflessjonijiet dwar modi xierqa kif l-appoġġ jista' jiġi eliminat gradwalment. JIKKUNSIDRA s-sostituzzjoni ta' miżuri wiesgħa relatati mal-prezzijiet b'mudell ta' prezzijiet tal-enerġija fuq żewġ livelli li jkun ikkalibrat tajjeb u kosteffiċjenti u li jiżgura inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija, jew inkella sostituzzjoni bi skemi oħra li jilħqu objettivi simili, b'kont meħud tal-karatteristiċi nazzjonali. JINNOTA d-diskussjoni li għaddejja dwar riforma tad-disinn tas-suq tal-elettriku. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-integrità tas-suq uniku, f'konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u l-qafas temporanju għall-kriżijiet. JIKKUNSIDRA li l-politika fiskali jeħtieġ li tibqa' aġli u tkun lesta biex, jekk meħtieġ, taġġusta għas-sitwazzjoni li tkun qed tevolvi malajr. JAQBEL li l-politika fiskali għandha tippreserva s-sostenibbiltà tad-dejn kif ukoll iżżid il-potenzjal tat-tkabbir b'mod sostenibbli u inklużiv, filwaqt li tqis ukoll il-ħtiġijiet akbar ta' investiment pubbliku u privat għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, inkluża s-sigurtà tal-enerġija.
6. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiddiżattiva l-klawsola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir mill-2024, kif ukoll tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttipprovdi gwida għall-politika fiskali fl-2024 fl-ewwel tliet xhur tal-2023.
7. JILQA' B'SODISFAZZJON il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 dwar orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, inkluż il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. JILQA' B'SODISFAZZJON ir-riflessjonijiet li għaddejjin dwar kif il-governanza ekonomika tal-UE tista' ssir aktar effettiva. JENFASIZZA l-importanza ta' qafas fiskali bbażat fuq ir-regoli u li progress rapidu fir-rieżami tal-governanza ekonomika huwa prijorità biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. JIEĦU NOTA tal-appell tal-Kummissjoni biex jintlaħaq kunsens dwar ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika qabel l-ippjanar baġitarju għall-2024.

8. JINNOTA li fl-2023, is-Semestru Ewropew u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għadhom jinkwadraw il-koordinazzjoni tal-politika tal-UE. JILQA' B'SODISFAZZJON l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi ħarsa ġenerali olistika tal-isfidi ekonomiċi u soċjali f'kull Stat Membru, inkluż monitoraġġ mill-qrib tar-riskji li jfeġġu. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-implimentazzjoni kontinwa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi u JILQA' B'SODISFAZZJON ir-riflessjonijiet li għaddejjin fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak taż-żona tal-euro u tal-UE. JAPPELLA biex is-Semestru Ewropew jinżamm iffukat primarjament fuq il-politiki ekonomiċi, fiskali u tal-impjieg, inklużi dawk rilevanti għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u li jiġu evitati duplikazzjonijiet u trikkib bejn diversi flussi ta' ħidma ta' sorveljanza, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà.
-